**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 8 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 46/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**kontra**

**Liam Debono**

Il-Qorti,

Rat illi **Liam Debono** ta' dsatax (19)-il sena, iben Anton Debono u Charlotte Zammit, imwieled il-Pieta' nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed (2001), residenti ġewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-Karta tal-Identita Maltija bin-numru 187301L, jinsab akkużat talli fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar (14:15hrs), u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola:

1) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u speċifikata (Diazepam) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artiklu **33A** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li r-reat seħħ waqt li Liam Debono kien priġunier.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex titratta mal-akkużat bħala riċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mall-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat wieġeb mhux ħati;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali mill-partijiet;

Rat in-nota tad-difiża preżentata nhar il-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u rat id-dokumenti annessi mal-istess nota[3];

[1] A fol. 136 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 17 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 162 tal-atti proċesswali

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat li kien fil-pussess ta' mediċina psikotropika u speċifikata (Diazepam) mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, u dan fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar (14:15hrs) u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola. Il-Qorti qegħda tiġi mitluba ukoll titratta mal-imputat bħala reċediv.

Illi il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda :-

1. **L-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa**[4] stazzjonata l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid, xehdet illi nhar il-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), hija kienet ġiet infurmata minn PS1283, li dakinhar stess għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar (2.15p.m.), żewġ uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kienu sabu mediċina ta' priġunier fil-pussess ta' priġunier ieħor. Tispjega li s-Surġent kien ħa l-verżjoni ta' CO221 u CO191 li spjegaw li għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar (2.15 p.m.) meta kienu xogħol f'Diviżjoni numru tlettax (13), huma kienu nnutaw lill-priġuner Eman Ebejer jidħol fiċ-ċella tal-imputat b'tazza f'idu u imbagħad rawħ ħiereġ minn dik iċ-ċella mingħajr it-tazza. Tispjega ukoll li huma ddikjaraw illi ftit qabel kienet bdiet titqassam il-mediċina u għalhekk huma kienu daħlu fiċ-ċella tal-imputat, fejn sabu t-tazza li kienu raw f'idejn Eman Ebejer li kienet mimlija mediċina.

   L-Ispettur Zerafa eżebiet it-tazza li nstabet fil-pussess tal-imputat, li ġiet immarkata bħala 'Dok SZ 1'. Hija eżebiet ukoll il-mediċina li inizjalment kienet fit-tazza, iżda sussegwentement kienet tpoġġiet f'kontenituri żgħar mill-Uffiċjali tax-Xena tar-Reat. Din il-mediċina ġiet immarkata bħala 'Dok SZ 2'. L-Ispettur tgħid li l-għada hija kienet tkellmet mal-imputat li għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu. Hija għarfet il-firma tagħha fuq l-istqarrija tal-imputat[5], kif ukoll il-firma tal-Pulizija li kien xhud tal-istqarrija.

   L-Ispettur Zerafa tispjega li hija kienet ħadet ukoll stqarrija lil Eman Ebejer, li kien stqarr li fil-ħdax (11) ta' Ottubru meta bdiet tiġi mqassma l-mediċina, hu kien ħa l-mediċina u kien beżaqha fit-tazza li huwa kien ġie muri waqt l-

[4] A fol. 23 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 4 tal-atti proċesswali

istqarrija. Ix-xhud tgħid li Eman Ebejer kien ġie mistoqsi jekk din il-mediċina hu kienx ta lil Liam Debono, iżda hu kien innega u kien stqarr li kien ħalliha għand Liam Debono fejn fil-fatt instabet.

L-Ispettur Zerafa tgħid ukoll li hija kienet ġiet infurmata li CO221 u CO191 kienu nfurmaw lil ċertu Roderick Mifsud b'dan l-akkadut. Tgħid li sussegwentement ġiet infurmata ukoll, li Caroline Psaila li taħdem fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kienet għarfet l-kulur ħadrani tal-mediċina bħala l-mediċina ta' Eman Ebejer, peress li hu biss kien jieħu dik it-tip ta' mediċina li hija Atarax. Tgħid li din il-mediċina kienet tkun imħallta ma mediċina oħra, fosthom id-*Diazepam*.

L-Ispettur Zerafa[6] eżebiet sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Liam Debono**, deċiża minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud, fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018)[7]. Eżebiet ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Liam Debono**, deċiża minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019)[8]. Hija eżebiet ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Liam Debono** deċiża minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia, nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020)[9].

2. **Lieutenant Rodrick Mifsud[10]** xehed illi fil-ħdax (11) ta' Ottubru għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30 p.m.) huwa kien xogħol fl-MI Room ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Igħid li kienu telgħu żewġ Uffiċjali mid-Diviżjoni numru tlettax (13) u kienu tawh tazza b'likwidu ta' lewn ħadrani fiha. Huwa jispjega li l-ħin kien dak allokat għat-tqassim tal-mediċina. Igħid li huwa kien wera dan il-likwidu lin-nurse Caroline Psaila li kienet iċċekjat it-*treatment* li jieħu l-priġunier għand min instab dan il-likwidu u l-priġunier li l-Uffiċjali raw dieħel fiċ-ċella tiegħu u ssuspettaw li dan il-likwidu seta' kien mediċina. Ix-xhud ġie muri t-tazza mmarkata bħala Dok SZ 1 u għaraf dik it-tazza. Ġie muri ukoll il-likwidu u kkonferma li l-lewn tiegħu kien eżatt bħal dak li kien hemm fit-tazza. Igħid li t-tazza ma

[6] A fol. 48 tal-atti proċesswali
[7] 'Dok SZ 3' a fol. 50 tal-atti proċesswali
[8] 'Dok SZ 4' a fol. 60 tal-atti proċesswali
[9] 'Dok SZ 5' a fol. 105 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 26 tal-atti proċesswali

kinetx trasparenti u għalhekk il-likwidu ma kienx jidher minn barra u ridt titawwal fit-tazza bilfors biex tara x'fiha. Ix-xhud igħid li huwa kien qiegħed jixhed dwar Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Igħid li l-Uffiċjali li kienu marru ħdejh u tawh il-mediċina kienu CO221 u CO191.

<u>In kontro-eżami</u>, ix-xhud ġie mistoqsi jekk l-imputat kienx diġa ħa kastig jew le b'rabta ma dan l-akkadut, iżda huwa jgħid li ma setgħax jikkonferma dan.

3. **CO221 Christopher Spiteri**[11] xehed illi fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tas-sagħtejn, x'ħin fetaħ iċ-ċella tal-imputat, huwa ra li l-imputat ma kienx f'sensih, kellu għajnejh magħluqin u kien mitluq maċ-ċella. Igħid li mar jistaqsih hux kollox sew u minn taħt l-ilsien kien qallu iva. Ix-xhud igħid li huwa kien daħal fil-*guard room* u hu u CO 191 kienu qegħdin jippreparaw sabiex jagħmlu tfittxija fuq l-imputat, meta raw priġunier ieħor, ċertu Eman Ebejer dieħel b'tazza f'idu fiċ-ċella tal-imputat u ħareġ mingħajrha. Igħid li minnufih hu u CO191 marru fiċ-ċella tal-imputat, fejn sabu lill-imputat bilqegħda fuq is-sodda u ħdejh kien hemm żewġ priġunieri oħra Omar Calleja u Alexander Whitefort.

   Ix-xhud jispjega li kif rahom, l-imputat qam bil-wieqfa u mar quddiem it-tazza li kienet qegħda fuq il-bank faċċata, sabiex huma ma jarawhiex. Igħid li huma kienu staqsewh sabiex jagħtihom it-tazza u għall-ewwel ma kienx ried itijilhom. Sussegwentement kien tahom it-tazza u qalilhom li dik kienet tiegħu. Ix-xhud igħid li f'din it-tazza kien hemm likwidu ta' lewn aħdar u meta l-imputat ġie mistoqsi x'inhu, huwa kien qalilhom li dak kien *oats* bil-banana. Igħid li huma jafu li *oats* bil-banana ma humiex likwidu aħdar. Igħid li sadanittant iż-żewġ priġunieri l-oħra laħqu ħarġu u rrapurtawhom u għamlu tfittxija. Huwa jispjega li ma sabu xejn u l-mediċina imbagħad huma għaddewha lill-Lieutenant Mifsud li hu *in charge* mill-MI Room biex jaraw x'kienet. Ix-xhud jispeċifika li l-ħin kien is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2 p.m.). Fir-rigward tat-tazza huwa igħid li t-tazza kienet ta' kulur abjad u kien fiha likwidu aħdar. Ix-xhud ġie muri Dok SZ 1 u igħid li *"Kienet tazza twila hekk, għand ikun dik kienet."* U jgħid li kien hemm likwidu aħdar. Igħid li *"Qisu aħdar, ifhem ġot-tazza ma tantx tarah sew peress li t-tazza bajda."*

---

[11] A fol. 29 tal-atti proċesswali

In kontro-eżami, ix-xhud igħid li l-persuna li raw dieħla fiċ-ċella tal-imputat kienet Eman Ebejer. Huwa jikkonferma li Eman Ebejer kien daħal fiċ-ċella tal-imputat, imbagħad ħareġ u wara kienu daħlu huma. Meta ġie mistoqsi jekk kinux daħlu mal-ewwel, ix-xhud jikkonferma li kienu daħlu mal-ewwel għax dak il-ħin kienu qegħdin isegwu lill-imputat sabiex jaraw x'kien qiegħed jiġri, minħabba li huwa kien diġa ra li l-imputat ma kienx qiegħed f'sensih. Għalhekk igħid li kienu qegħdin iswegu x'kien qiegħed jiġri u jippreparaw sabiex jagħmlu tfittxija. Jispjega li Eman Ebejer kif ħa l-mediċina daħal fiċ-ċella tal-imputat bit-tazza f'idu u reġa' ħareġ. Igħid li Eman Ebejer ma damx fiċ-ċella tal-imputat u x'ħin ħareġ, hu u CO191 minnufih daħlu sabiex jaraw.

In kontro-eżami x-xhud jikkonferma ukoll li fiċ-ċella kien hemm l-imputat, kif ukoll Omar Calleja u Alexander Whitefort, li kienu qegħdin bilqegħda fuq is-sodda. Igħid li liż-żewġ priġunieri l-oħra kienu rrapurtawhom għax mhux suppost li kienu qegħdin fiċ-ċella tal-imputat. Igħid li l-imputat kien ammetta li t-tazza kienet tiegħu. Ix-xhud jikkonferma li l-likwidu kien qisu aħdar. Igħid li kien qiegħed isegwi lill-imputat għax mill-ewwel kien induna li ma kienx qiegħed sewwa meta fetaħlu ċ-ċella fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2 p.m.). Igħid li Eman Ebejer daħal madwar ħmistax-il minuta wara. Igħid li l-imputat eżatt kif fetaħlu rah b'għajnejh magħluqin, mitluq fiċ-ċella u mar jistaqsih sabiex jara jekk kienx kollox sew u huwa kien qallu li jinsab tajjeb. Madanakollu kienu baqgħu josservawh sabiex jaraw x'kien qiegħed jiġri. Meta ġie mistoqsi jekk l-imputat kienx weħel xi kastig dwar dan, ix-xhud igħid *"Insejt, lanqas naf eżatt, għandi jkun kien għamel xi ħaġa magħluqa kien xi ġranet magħluqin. Imma eżatt eżatt ma niftakarx."*

4. **CO191 Shaun Tabone**[12] xehed illi fil-jum mertu tal-każ, għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m.), hu u CO221 kienu marru jiftħu ċ-ċellel u CO221 issuspetta li l-imputat ma kienx f'siktu. Igħid li normalment tingħata l-mediċina għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs (2.30p.m.) u nnutaw lil Eman Ebejer li ġie bit-tazza, għamel bħal li kieku qisu qiegħed jixrob u baqa' sejjer direttament fiċ-ċella tal-imputat. Igħid li t-tazza kienet ta' lewn abjad. Jispjega li hu u CO221 baqgħu sejrin direttament fiċ-ċella tal-imputat, ċella numru ħmistax (15) u għamlu tfittxija. Igħid li dak il-ħin fiċ-ċella kien hemm żewġ priġunieri oħra, Omar Calleja u Alexander Whitefort u ħarġuhom il-

[12] A fol. 34 tal-atti proċesswali

barra. Ix-xhud igħid li x'ħin l-imputat rahom, qam bil-wieqfa u kellu tazza moħbija wara daharu. Jispjega li warajh l-imputat għandu desk, kellu tazza bajda u ħbiha. Igħid li hu qal lill-imputat sabiex jersaq sabiex jara x'għandu wara daharu u għal bidu ma riedx jersaq, iżda imbagħad tah tazza. Meta staqsieh x'fiha l-imputat qallu li kien fiha *oats* bil-banana. Igħid li t-tazza ttieħdet l-MI Room. Igħid li l-kimika li kien hemm fit-tazza kienet ta' lewn aħdar. Ix-xhud ġie muri 'Dok SZ 1' u stqarr li dik kienet it-tazza li kellu Eman Ebejer, li hu sabha wara l-imputat fiċ-ċella tiegħu. Ix-xhud ġie muri ukoll 'Dok SZ 2' u stqarr li dik kienet il-kimika li kellu l-imputat fit-tazza. Igħid ukoll li l-ħin li semma kien ta' wara nofsinhar.

<u>In kontro-eżami</u>, ix-xhud jikkonferma li dawk huma tazzi tal-ħabs u li hemm ħafna minnhom. Huwa jikkonferma li kien hemm biss ftit sekondi bejn il-ħin li ħareġ Eman Ebejer miċ-ċella tal-imputat u daħlu huma. Igħid li huma kienu għassa minn qabel, għax raw li l-imputat ma kienx konxju kif ikun is-soltu meta fetħulu ċ-ċella u kienu ftehmu hu u CO221 sabiex joqgħodu attenti iktar għalih. Ix-xhud igħid li huwa ma jafx jekk l-imputat kienx ħa xi kastig għal dan.

5. **Caroline Psaila**[13] xehedet illi hija taħdem bħala *staff nurse* ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Tgħid li fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) wara nofsinhar kien mar Roderick Mifsud b'tazza tal-plastik bajda f'idejh, li kellha likwidu aħdar ġo fiha u kien staqsieha jekk hemmx xi priġunier ġewwa d-Diviżjoni numru tlettax (13) li għandu xi mediċina ta' kulur aħdar imħallta mal-ilma. Tgħid li hija kienet iċċekjat it-*treatment charts* kollha tal-priġunieri tad-Diviżjoni numru tlettax (13) u kien hemm persuna waħda biss, Eman Ebejer, li kellu likwidu aħdar bħala mediċina. Ix-xhud ġiet murija 'Dok SZ 1' u stqarret li dik kienet it-tazza li rreferiet għaliha. Ġiet murija ukoll 'Dok SZ 2' u tgħid li l-likwidu *"Kien aktar fl-aħdar, forsi għax għadda ż-żmien."* Tgħid li dak il-likwidu kien fit-tazza. Ix-xhud eżebiet it-*treatment charts* tal-imputat Liam Debono, kif ukoll ta' Eman Ebejer li ġew immarkati bħala 'Dok CP1'[14] u 'Dok CP2'[15].

[13] A fol. 38 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 42 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 44 tal-atti proċesswali

6. **Eman Ebejer**[16] għażel li ma jiddeponix f'dawn il-proċeduri sabiex ma jinkriminax ruħu stante li kellu proċeduri pendenti konnessi mal-każ odjern.

7. **L-Assistent Reġistratur Maria Dolores Fenech**[17] ikkonfermat li mir-riċerka li saret ma rriżulta li hemm l-ebda appell fil-konfront ta' Liam Debono.

8. **L-Ispiżjar Godwin Sammut**[18] xehed illi huwa kien maħtur minn din il-Qorti sabiex jagħmel analiżi fuq żewġ dokumenti mmarkati bħala 'Dok SZ1' u 'Dok SZ2'. Igħid li kien ġie mogħti 'Dok SZ1' mingħand id-Deputat Reġistratur Cora Azzopardi, filwaqt li 'Dok SZ 2' kien ġie mogħti lilu mingħand l-Exhibits Officer Andre Azzopardi. Igħid li huwa kien għamel l-analiżi fuq il-kontenut ta' dawn iż-żewġ dokumenti. Huwa preżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala 'Dok GS'[19] minn fejn jirriżulta li huwa ngħata s-segwenti dokumenti :-

| | |
|---|---|
| *"045_22_01* | *Envelop ta' lewn kannella immarkat* ***Dok SZ1 Pul vs Liam Debono*** *li fih* ***evidence bag bin-numru M01395340 li fih tazza tal-plastik kontinenti trab ta' lewn isfar.*** |
| *045_22_02* | *Envelop ta' lewn kannella immarkat* ***Dok SZ2 Pul vs Liam Debono K/B/220/21***li fih *evidence bag bin-numru S01493364 li fih żewġ kontenituri żgħar tal-ħġieġ li fihom likwidu ta' lewn isfar."* |

Mill-istess relazzjoni jirriżulta li l-espert Dr. Godwin Sammut ikkonkluda,:-

*"(a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn isfar li hemm fid-*dokument *immarkat Dok SZ1 instabu is-sustanzi* *Mianserine, Diazepam u Quetiapine. L-ammont tat-trab kien traċċi (< 0.1 grammi).*

*(b) Illi fuq estratti meħuda mill-likwidu ta' lewn isfar li hemm fid-*dokument *imamrkat Dok SZ2 instabu is-sustanzi* *Mianserine, Diazepam, Hydroxyzine u Quetiapine.*

[16] A fol. 103 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 108 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 109 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 111 tal-atti proċesswali

*Is-sustanzi kollha imsemmija fil-konklużjoni huma Prescription Only Medicine (POM) li jintużaw f'diversi kundizzjonijiet fosthom schizophrenia and depression (Quentiapine); antidepressant (Mianserine); anxierty (Diazepam); and antihistamine (hydroxyzine).*[20]

9. **Dr. Franklin Abela**[21] stazzjonat il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordina preżenta t-*treatment charts* tal-imputat, kif ukoll ta' Eman Ebejer, li ġew mmarkati bħala 'Dok FA1'[22] u 'Dok FA2'[23]. Ix-xhud igħid illi il-Mianserine, id-Diazepam u l-hydroxyzine kien jeħodhom Eman Ebejer biss u l-Quentiapine kienu jeħduha kemm Eman Ebejer, kif ukoll l-imputat.

10. **CO Clint Zahra**[24] stazzjonat il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, eżebixxa filmat tas-CCTV tal-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) bejn is-sagħtejn u erbatax-il minuta (14:14) u t-tlieta u ħamsa ta' wara nofsinhar (15.05). Dan id-dokument ġie eżebit bħala 'Dok CZ'. Igħid li safejn jaf hu Liam Debono kien jinsab f'Diviżjoni numru tlettax (13).

11. L-Uffiċjal Prosekutur talab għall-ħatra ta' espert sabiex iniżżel il-kontenut ta' 'Dok CZ' iżda d-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq din il-prova.[25]

Illi d-difiża ressqet is-segwenti provi :-

1. **L-iSpettur Helenio Galea**[26] stazzjonat ir-*Records Office* tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin xehed illi mir-*records* jirriżulta li fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien sar rapport fil-konfront tal-imputat u fuq dak ir-rapport kien hemm tmienja u għoxrin (28) ġurnata *remission.* Huwa spjega li skond il-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta, kull persuna li tidħol fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, u jkollha mġieba tajba, tista' tigwadanja sa mhux iktar minn terz ta' sentenza f'*remission.* F'każ illi jkun hemm xi *infringements,* il-Bord ta' Dixxiplina jiddeċiedi xi tkun il-miżura li għandha tittieħed. Ix-xhud jikkonferma li kieku l-Bord ma sabx lill-imputat ħati, ma kienx ikun hemm it-telf ta' tmienja u għoxrin (28) ġurnata

[20] A fol. 115 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 125 tal-atti proċesswali
[22] A fol. 128 tal-atti proċesswali
[23] A fol. 129 tal-atti proċesswali
[24] A fol. 132 tal-atti proċesswali
[25] A fol. 131 tal-atti proċesswali
[26] A fol. 145 tal-atti proċesswali

*remission*. Ix-xhud preżenta *Behaviour Report* li ġie mmarkat bħala 'Dok HG'[27].

## L-Istqarrija tal-imputat

Fl-istqarrija[28] tiegħu rilaxxata fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat għażel illi ma jirrispondi għall-ebda domanda li saritlu.

## Ikkunsidrat:

## <u>L-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*</u>

Illi fis-sottomissjonijiet finali tagħha, id-difiża ssollevat l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u dan għaliex issottomettiet li l-imputat ġarrab proċeduri dixxiplinari in konnessjoni mal-każ odjern bil-konsegwenza li tilef tmienja u għoxrin (28) ġurnata *remission.*

Illi l-Ispettur Helenio Galea[29] jixhed illi mir-*records* tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jirriżulta li fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ossia fid-data tal-inċident mertu ta' dan il-każ, kien sar rapport fil-konfront tal-imputat u in segwitu għal dan kienu ttieħdu proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu. Mid-dokumenti[30] eżebiti mill-istess xhud jirriżulta li fil-fatt, fis-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kienet saret seduta quddiem il-Bord ta' Dixxiplina bil-konsegwenza li l-imputat tilef tmienja u għoxrin (28) ġurnata *remission* u dan għaliex l-imputat *"Disobeys or fails to comply with any regulation applying to him/her".*

Il-principju ta' *ne bis in idem* huwa imħaddan kemm fil-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:-*"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."*. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni imbagħad jipprovdi li:-

> *"(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja*

---

[27] A fol. 148 tal-atti proċesswali
[28] A fol.4 tal-atti proċesswali
[29] A fol. 145 tal-atti proċesswali
[30] A fol. 150 tal-atti proċesswali

*jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja."*

L-artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali mbagħad jgħid hekk:

*"1. Id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jewmisjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat."*

Illi għalhekk sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* jeħtieġ li l-ewwel proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tal-imputat ikunu waslu fi tmiemhom permezz ta' sentenza.

Illi referenza ssir għall-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005),[31] ***Fl-Atti tar-Referenza tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003), mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dott. Miriam Hayman) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) v. Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri***. Illi f'dan il-każ, l-imputati kienu

[31] Appell Ċivili Numru 16/2003/1

tressqu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u nstabu ħatja ta' numru ta' akkużi, bil-konsegwenza li ttieħdu kontra tagħhom diversi miżuri, fosthom telf ta' *remission.* Illi sussegwentement it-tliet imputati kienu tressqu quddiem din il-Qorti diversament preseduta, akkużati b'reati in konnessjoni mal-istess każ. Illi għalhekk il-"kwistjoni" li kienet ġiet riferuta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet "*jekk, bil-proceduri inizjati quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq l-imputazzjonijiet li jipotizzaw ir-reat ta' "harba bi ksur" bi ksur tal-Artikolu 152 tal-Kap. 9 u li jipotizzaw ukoll ksur tar-regolament 75(u), kienx qed jigi jew x'aktarx ser jigi vvjolat id-dritt tat-tlett akkuzati li ma jigux iggudikati darbtejn fuq l-istess reat kif protett bl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 4 tal-Protokoll numru Sebgha tal-Konvenzjoni Ewropea – in effetti ir-regola tan-ne bis in idem jew "rule against double jeopardy".*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ imsemmi ddeċiediet hekk wara li għamlet referenza għall-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali:-

> *"Din id-disposizzjoni ghandha l-ghan li, salv ghall-eccezzjoni fit-tieni inciz taghha – eccezzjoni li pero` ma hiex relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza – tassigura li persuna ma tigix assoggettata darbtejn ghal proceduri li jkunu essenzjalment ta' natura penali ghall-istess reat, salv naturalment, li l-ewwel proceduri jkunu gew finalment konkluzi (cioe` l-ewwel decizjoni tkun ghaddiet in gudikat)[32]. Din id-disposizzjoni – apparti li ma tipprojbix li persuna tghaddi proceduri penali ghall-istess reat fi Stat iehor – ma tipprojbix li persuna tigi processata darbtejn meta l-istess fatt jaghti lok ghal proceduri penali u ghal proceduri ta' natura ohra, bhal, per ezempju, proceduri dixxiplinari[33]. Dak li jrid jigi determinat, ghalhekk, f'dan il-kaz huwa jekk il-proceduri li ghalihom kienu sottomessi Zammit, Woods u Ahmed Esawi qabel ma huma tressqu akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Marzu, 2001, u cioe` l-proceduri li wasslu ghal, fost affarijiet ohra, "loss of remission" skond ir-Regolamenti dwar il-*

[32] "Like the Commission, the Court observes that the Aim of Article 4 of Protocol No. 7 (P7-4) is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision." – ara Gradinger v. Austria 23 October, 1995, para. 53.

[33] Ara, fost ohrajn, l-Explanatory Report to Protocol No. 7 to the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, para. 32; u Harris D. J., O'Boyle M. u Warbrick C. Law of the European Convention on Human Rights Butterworths (London) 1995, p. 569.

*Habs, kienux semplicement proceduri dixxiplinari – kif jikkontendi l-Kummissarju tal-Pulizija – jew kienux fir-realta` proceduri ta' natura kriminali jew penali.*

*2. Issa, kif tajjeb osservat il-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza* ***Goktan v. France***[34] *l-istess espressjonijiet jew kliem uzati f'disposizzjonijiet differenti tal-Konvenzjoni ghandhom ikollhom l-istess sinjifikat:*

***"The Court finds that imprisonment in default of payment of the customs fine was not a means of enforcing the fine, but a penalty, both within the meaning of Article 7 of the Convention…and of Article 4 of Protocol no. 7****. The notion of what constitutes a "penalty" cannot vary from one Convention provision to another. It therefore finds that the applicant's imprisonment in default amounted to criminal punishment." (para. 48, sottolinear ta' din il-Qorti).*

*3. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess ghandu jinghad ghall-kelma "kriminali" wzata fl-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll – din ghandha tinghata tifsira identika ghall-istess kelma kif uzata fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fuq dan, anke l-awturi jidher li huma konkordi. Hekk per ezempju, Van Dijk u Van Hoof*[35]*:*

***"The principle that nobody may be tried or punished again is limited to 'criminal proceedings'. In the Gradinger Case the applicant had been convicted and punished by a criminal court. Subsequently the administrative authorities imposed a fine on him. The latter punishment was based on the same facts as the former. The applicant complained that the decision of the administrative authorities amounted to a violation of Article 6 of the Convention [the applicant contended that he did not have access to a 'tribunal'] and Article 4 of Protocol No. 7. Thus the Court had to assess whether Article 6 did apply to administrative proceedings. It answered this question in the affirmative with reference to the criteria developed in its case-law. With regard to Article 4 of Protocol No. 7 the same question could have arisen. However, with regard to Article 4 the***

---

[34] 2 July, 2002.

[35] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Kluwer Law International (The Hague) 1998.

***Court took the existence of the 'criminal proceedings' for granted. Thus, it may be concluded that the notion of 'criminal' in Article 4 of Protocol No. 7 is identical to the term 'criminal' in Article 6 of the Convention."*** *(pagna 690, sottolinear ta' din il-Qorti).*

*U l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick*[36]*, b'referenza ghall-imsemmi Artikolu 4 jesprimu ruhhom hekk:*

> ***"The term 'criminal' will presumably be given the meaning that it has under Article 6 of the Convention."*** *(p. 569).*
>
> *Konsegwentement din il-Qorti ma tarax ghala m'ghandhiex tapplika, sabiex jigi determinat jekk il-proceduri li ghalihom gew assoggettati Zammit, Woods u Ahmed Esawi fil-habs humiex proceduri "kriminali" jew proceduri xort'ohra (ezempju "dixxiplinari"), dawk il-kriterji li l-Qorti ta' Strasbourg holqot maz-zmien sabiex tiddetermina jekk akkuza hiex ta' natura "kriminali" ghall-finijiet tal-Artikolu 6. Dawn il-kriterji huma bazikament tlieta: (a) il-klassifikazzjoni tad-disposizzjoni taht il-ligi domestika, (b) in-natura tar-reat, u (c) in-natura u lgravita` tal-piena. Dawn it-tlett kriterji gew applikati, per ezempju, fil-kaz* ***Engel and Others v. The Netherlands***[37] *fejn il-Qorti kellha tiddetermina jekk l-applikanti (membri tal-Forzi Armati Olandizi) jew xi whud minnhom kienux "the subject of a 'criminal charge' within the meaning of Article 6 paragraph 1."*[38] *F'dik il-kawza, dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk:* ***"In this connection, it is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This, however, provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal or relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various contracting States.***

[36] op.cit. nota in calce nru 22
[37] 8 June, 1976.
[38] para. 83.

***"The very nature of the offence is a factor of greater import. When a serviceman finds himself accused of an act of omission allegedly contravening a legal rule governing the operation of the armed forces, the State may in principle employ against him disciplinary law rather than criminal law. In this respect the Court expresses its agreement with the Government.***

***"However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the traditions of the contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so." (para. 82).***

*Fi kliem iehor -- u kif jispjegaw van Dijk u van Hoof*[39] *-- ghalkemm il-klassifika tar-reat jew disposizzjoni skond il-ligi domestika wiehed ghandu jikkunsidraha, u ghalkemm in-natura tar-reat (cioe` ghal min hija intiza d-disposizzjoni li toholqu u x'inhu l-iskop taghha) hija importanti, fir-realta` il-kriterju <u>verament determinanti</u> huwa dak tan-natura u l-gravita` tal-"piena" jew "konsegwenza" li ssegwi jekk dak li jkun jinstab li jkun kiser dik id-disposizzjoni.*

*4. Fil-kaz in dizamina, Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew akkuzati (skond il-proceduri interni tal-habs) taht disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Habs kjarament intizi sabiex tinzamm id-dixxiplina fil-Habs ta' Kordin. In fatti r-regolamenti 74 sa 88 tal-A.L. 118/95 huma intestati "Dixxiplina", u l-ewwel minn* dawn ir-regolamenti jipprovdi espressament li *"Id-dixxiplina u l-ordni ghandhom jinzammu b'fehma soda, izda mhux b'aktar restrizzjonijiet milli jkun mehtieg, fl-interess ta' kustodja fiz-zgur,*

[39] op.cit. pagni 410 sa 416.

*ta' hajja komunitarja ordinata u ta' l-objettivi ta' trattament talhabs." Din il-Qorti taghmilha cara li ma ghandha ebda illuzjoni dwar kemm huwa importanti, u zgur ukoll difficli, li wiehed izomm id-dixxiplina u l-ordni f'habs. Il-lista ta' "reati kontra d-dixxiplina" fir-regolament 75, hija kjarament intiza sabiex tipprova tassigura proprju dak enuncjat fir-regolament 74(1). F'din il-lista wiehed isib ghemil li huwa purament kwistjoni ta' dixxiplina (bhal, per ezempju, li prigunier juri nuqqas ta' rispett lejn ufficjal tal-habs jew lejn xi persuna li tkun qed izzur il-habs – reg. 75(o)), filwaqt li ohrajn jistghu jaghtu lok ukoll ghal proceduri quddiem Qorti ta' Gustizzja Kriminali (bhal, per ezempju, li prigunier jaghti n-nar lil xi proprjeta` kemm tieghu stess jew le – reg. 75(k)). Kif diga` nghad, l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll numru Sebgha ma hux ta' ostakolu li, fuq l-istess fatt, jittiehdu kemm proceduri dixxiplinari <u>kif ukoll</u> proceduri kriminali, u dan indipendentement ukoll mill-ordni li fih dawn jittiehdu. Issa, fl-kaz de quo Zammit, Woods u Ahmed Esawi ittlieta li huma gew akkuzati, ghal finijiet ta' dixxiplina, fost ohrajn bir-reat "dixxiplinari" kontemplat fil-paragrafu (u) tar-regolament 75, u cioe` talli harbu waqt li kienu mizmuma jew meqjusa li kienu mizmuma fil-habs. Dan ir-reat jista' jgib mieghu, skond ir-Regolamenti dwar il-Habs, il-<u>possibilita`</u> ta' "loss of remission" ta' mhux aktar minn <u>tlett mija hamsa w sittin (365) jum</u> (ara r-regolament 78(1)(g)). Effettivament huma t-tlieta gew misjuba hatja mill-Bord skond l-imsemmi paragrafu (u) u kkundannati <u>l-massimu ta' loss of remission</u> fuq din l-akkuza, liema sejbien ta' htija u piena gew konfermati (fir-rigward ta' Zammit u ta' Ahmed Ezawi – Woods ma appellax) mit-Tribunal ta' l-Appelli. Din il-Qorti, fid-dawl ta' dak deciz mill-Qorti ta' Strasbourg kemm fil-kaz* ***Campbell and Fell v. United Kingdom***[40] *kif ukoll aktar recentement fil-kaz* ***Ezeh and Connors v. United Kingdom***[41] *ma tistax ma tqisx tali piena ta' loss of remission (<u>cioe` fl-ammont ta' 365 jum</u> ossia sena) bhala piena "kriminali" u mhux semplicement dixxiplinari ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, u dan minhabba n-natura (telf ta' liberta` personali) u s-severita` taghha, b'mod ghalhekk li anke l-*

[40] 28 June, 1984.
[41] 15 July, 2002.

*proceduri li wasslu ghaliha kienu wkoll fir-realta` ta' natura penali u mhux semplicement dixxiplinari. Kif intqal fil-kaz* **Campbell and Fell**

***"…the Court is of the opinion that the forfeiture of remission which Mr Campbell risked incurring and the forfeiture actually awarded involved such serious consequences as regards the length of his detention that these penalties have to be regarded, for Convention purposes, as 'criminal'.**" (para. 72).*

*5. Jigi precizat ghal kull buon fini li prigunier li qed iservi sentenza ta' prigunerija ghal ghomru la jista' jikseb remission (regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar il-Habs) u ghalhekk anqas jista' jitlef tali remission, bil-konsegwenza li l-paragrafu (g) tar-regolament 78(1) ma jistax ikun applikabbli ghalih.* ***Il-Qorti tippreciza wkoll li ghal dak li jirrigwarda l-akkuza taht il-paragrafu (j) tar-regolament 75 – u cioe` li wiehed "jiehu, minghajr awtorita` jew raguni legittima, xi oggett li jkun jappartjeni lil persuna ohra jew lill-habs" – dan jista' jgib biss massimu ta' loss of remission ta' mija w ghoxrin jum ossia erba' xhur; din il-Qorti hi tal-fehma li tali piena ossia wahda li tista' tissarraf f'zieda ta' biss erba' xhur aktar ta' prigunerija effettiva, tista' titqies bhala wahda dixxiplinari, u ghalhekk il-fatt li Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew liberati minn dik l-akkuza ifisser li huma gew liberati minn akkuza dixxiplinari u mhux minn wahda li hija fir-realta` ta' natura kriminali."*** [42][43]

Illi fil-każ tal-imputat odjern, jirriżulta mid-dokumenti preżentati mill-Ispettur Helenio Galea li r-reat li tiegħu Liam Debono nstab ħati mill-Bord ta' Dixxiplina huwa dak deskritt bħala *"Disobeys or fails to comply with any regulation applying to him/her"*. Dan huwa r-reat li jemani mir-Regolament 75(5) tar-Regolamenti tal-Ħabs li jipprovdi li:-

---

[42] Emfasi ta' din il-Qorti

[43] Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentena appena ċitata ħadet in kunsiderazzjoni ukoll dak li ġie deċiż mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kawżi li saret referenza għalihom mid-difiża fin-nota preżentata minnha nhar il-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u cioe' *Campbell and Fell v. United Kingdom* u *Ezeh and Connors v. United Kingdom* sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

*"75.Priġunier ikun ħati ta' reat kontra d-dixxiplina jekk huwa (s) ma jobdix jew jonqos li josserva xi regolament li jkun japplika għalih;"*

Illi dan ir-reat jista' jġib biss massimu ta' telf ta' *remission ta'* mhux iżjed minn mija u għoxrin jum u dan ai termini tar-Regolament 78(1) tal-imsemmija Regolamenti. Illi kif ingħad, fil-każ tal-imputat odjern, l-miżura li ttieħdet fil-konfront tiegħu kienet dik ta' telf ta' *remission* għall-perjodu ta' tmienja u għoxrin (28) ġurnata.

Illi għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi u fid-dawl tal-prinċipji fuq enunċjati, għalkemm jirriżulta li l-imputat tressaq quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, dwar il-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni, in vista tal-piena applikabbli, din il-Qorti tqis li l-imputat instab ħati ta' akkuża dixxiplinari u mhux waħda li fin-natura tagħha għandha titqies bħala kriminali jew penali. Illi għaldaqstant ma jistax jingħad li tirriżulta n-*ne bis in idem* fil-każ odjern.

**<u>Iċ-ċitazzjoni</u>**

Illi d-difiża tilmenta ukoll li fil-każ odjern il-prosekuzzjoni ma ndikatx l-Artikoli tal-Liġi fiċ-ċitazzjoni, bil-konsegwenza li l-imputat ma setgħax jibni d-difiża tiegħu. Għaldaqstant id-difiża ssottomettiet li l-imputat għandu jiġi liberat mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi f'dan ir-rigward referenza ssir għall-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li:-

*"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw."*

Dan ifisser li ċ-ċitazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma tista' titqies li hija diffetuża jew tkun nulla jew twassal għall-liberatorja, għax fiha ma jkunux indikati l-Artikoli tal-Liġi li minnhom jemani r-reat li bih l-imputat ikun qiegħed jiġi akkużat. Il-prosekuzzjoni ma hijiex obbligata li tindika l-Artikoli tal-Liġi li minnhom jemani r-reat. Dak li huwa importanti huwa li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati ikun qiegħed jiġi akkużat.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** deċiża fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) minn din il-Qorti diversament preseduta, ingħad ill:

> *"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."*

Fil-każ tal-imputat odjern, ma hemmx dubju illi l-fatti tal-każ huma spjegati sew fiċ-ċitazzjoni odjerna, kif m'hemmx dubju wkoll illi l-imputat kien jaf ben tajjeb dwar x'hiex u għal liema żmien, sena, data u ħin kien qiegħed jiġi akkużat. Illi għaldaqstant ma hemmx dubju illi l-imputat kellu kull opportunita` sabiex jiddefendi ruħu, kif fil-fatt għamel. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda nuqqas li għandu jwassal għall-liberatorja tal-imputat kif qegħda tippretendi d-difiża.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-ħtija o meno tal-imputat</u>**

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta illi fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-imputat Liam Debono kien detenut u kien miżmum ġewwa ċella numru ħmistax (15) f'Diviżjoni numru tlettax (13) tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Illi mix-xhieda ta' CO221 Christopher Spiteri u CO191 Shaun Tabone, jirriżulta li fil-jum imsemmi, għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m.), fil-ħin li solitament tingħata l-mediċina, huma innutaw lill-priġunier Eman Ebejer, li kif ħa l-mediċina daħal fiċ-ċella tal-imputat b'tazza f'idu u reġa' ħareġ mingħajrha. CO191 jixhed li huwa kien innota li Eman Ebejer kien għamel moviment bħal li qisu qiegħed jixrob u baqa' dieħel direttament fiċ-ċella tal-imputat bit-tazza f'idu u reġa' ħareġ. L-Uffiċjali msemmija daħlu minnufih fiċ-ċella tal-imputat sabiex jagħmlu spezzjoni u l-imputat odjern kif ra lill-Uffiċjali mar quddiem it-tazza li kienet qegħda fuq il-bank sabiex huma ma jarawhiex. Jirriżulta li għalkemm inizjalment l-imputat ma riedx jagħtihom din it-tazza sussegwentement kien tahilhom. Jirriżulta ukoll li din it-tazza kellha likwidu ta' lewn ħadrani fiha. Illi mill-konklużjonijiet tal-espert Godwin Sammut jirriżulta li fuq estratti meħuda mill-istess likwidu, instabu *is-sustanzi Mianserine, Diazepam, Hydroxyzine u Quetiapine.*

Mix-xhieda ta' Caroline Psaila, li taħdem bħala *staff nurse* ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jirriżulta li fil-jum mertu tal-każ odjern, hija kienet ġiet murija l-mediċina li nstabet fiċ-ċella tal-imputat u wara li ċċekjat it-*treatment charts* kollha tad-Diviżjoni fejn kien l-imputat, rriżulta li kien hemm persuna waħda u ċioe' Eman Ebejer li kien jieħu din il-mediċina. Jirriżulta ukoll mix-xhieda ta' Dr. Franklin Abela, stazzjonat fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, li d-*diazepam*, il-*mianserin* u l-*hydroxyzine* li nstabu fis-sustanza li kienet fil-pussess tal-imputat kien jeħodhom Eman Ebejer, filwaqt li l-quetiapine kienu jeħduha kemm Eman Ebejer, kif ukoll l-imputat odjern.

Illi għalkemm ma hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiża dwar il-fatt li din is-sustanza nstabet fil-pussess materjali tal-imputat, id-difiża tikkontendi li l-imputat kien qabad din it-tazza biż-żball u li kien qiegħed jaħseb li qabad tazza oħra. Illi b'din is-sottomissjoni l-Qorti qegħda tifhem li d-difiża qegħda tikkontendi li l-imputat ma kellux ix-xjenza li trid il-liġi fir-rigward tas-sustanza misjuba u għalhekk skond id-difiża l-imputat ma jistax jinstab ħati li kien fil-pussess tas-sustanza misjuba. Illi għaldaqstant din il-Qorti trid tiddeċiedi jekk mill-provi prodotti jirriżultax illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi sabiex jista' jingħad li l-imputat kien fil-pussess tad-droga misjuba.

Fir-rigward ta' dak li jammonta għall-pussess għall-finijiet ta' liġi, referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- John Borg** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), fejn ingħad illi:-

> *"Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)."*

Referenza qegħda ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif** deċiża fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elf disa'

mija u tmienja u disgħin (1998), fejn in eżami tar-reat ta' pussess ta' droga u l-kelma 'xjentement' il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet dan:-

> *"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."*

Fil-każ in eżami, l-imputat, hekk kif kellu kull dritt li jagħmel, ma xehedx quddiem il-Qorti u lanqas ma ta xi spjegazzjoni fl-istqarrija tiegħu għall-aġir tiegħu. Lanqas ma jirriżulta minn xi prova oħra mressqa quddiem din il-Qorti li l-imputat kien qabad din it-tazza bi żball, jew li kien hemm xi tazzi oħra simili fiċ-ċella tal-imputat. Illi għalhekk s-sottomissjoni tad-difiża li l-imputat kien qabad it-tazza biż-żball għax kien qiegħed jaħseb li qabad tazza oħra, ma hija sorretta bl-ebda prova.

Id-difiża tistrieħ ukoll fuq il-fatt illi żewġ priġunieri oħra, instabu fiċ-ċella tal-imputat meta saret l-imsemmija spezzjoni mill-Uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Illi mix-xhieda ta' CO221 Christopher Spiteri[44] jirriżulta li fiċ-ċella tal-imputat fil-ħin tal-ispezzjoni kien hemm żewġ priġunieri oħra, Omar Calleja

[44] A fol. 29 tal-atti proċesswali

u Alexander Whitefort li kienu fuq is-sodda bilqegħda ħdejn l-imputat. Biss il-Qorti ma tqisx illi b'daqshekk, l-imputat ipprova, imqar sal-grad tal-probabbli, illi huwa ma kienx jaf bis-sustanza li nstabet fiċ-ċella tiegħu, jew li din kienet tal-priġunieri l-oħra Omar Calleja jew Alexander Whitefort.

Illi jingħad li l-imputat kien l-unika persuna residenti f'dik iċ-ċella u Omar Calleja u Alexander Whitefort kienu biss viżitaturi. L-Uffiċjali xehdu li huma raw lil Eman Ebejer dieħel bit-tazza f'idu fiċ-ċella li kien residenti fiha l-imputat. Illi *in oltre* l-Uffiċjali xehdu ukoll li kif rahom, l-imputat qam bil-wieqfa u mar quddiem it-tazza li kienet qegħda fuq il-bank faċċata, sabiex huma ma jarawhiex. Jixhdu ukoll li huma kienu staqsew lill-imputat sabiex jagħtihom it-tazza u għall-ewwel ma kienx ried itijilhom iżda sussesgwentement kien tahilhom.

Illi għalhekk fid-dawl tal-imsemmija konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar id-droga misjuba fiċ-ċella tiegħu, u għalhekk tqis ukoll illi l-imputat kien fil-pussess tal-istess droga.

Illi jingħad ukoll li d-*diazepam* hija kkontrollata bil-ligi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima B, tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għaldaqstant l-imputat Liam Debono nstab fil-pussess tad-*diazepam* meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat ġiet ippruvata fil-grad rikjest mill-liġi.

## <u>L-addebitu tar-reċediva</u>

L-imputat ġie addebitat ukoll bir-reċidiva b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni eżebiet tlett (3) sentenzi. Ġiet eżebita sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018), fl-ismijiet **il-Pulizija -vs- Liam Debono**, li permezz tagħha l-imputat odjern (in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal karta tal-imputat fil-każ odjern) ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation għal tliet (3) snin, kif ukoll ġie kkundannat għal multa komplessiva ta' ħamest elef ewro (€5000). Ġiet eżebita ukoll sentenza oħra ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019)[45], fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Liam Debono**, li permezz tagħha l-imputat odjern (in-numru tal-karta tal-

[45] A fol. 60 tal-atti proċesswali

identita' tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal karta tal-imputat fil-każ odjern) ġie kkundannat għal ħames snin prġunerija u multa komplessiva ta' ħdax-il elf ewro. (€11,000). Il-Prosekuzzjoni eżebiet ukoll sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Liam Debono** (in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal karta tal-imputat fil-każ odjern), li permezz tagħha l-imputat ġie kkundannat għal sitt (6) xhur priġunerija[46].

L-Assistent Reġistratur Maria Dolores Fenech[47] ikkonfermat li mir-riċerka li saret ma rriżulta li hemm l-ebda appell fil-konfront ta' Liam Debono fil-kawżi li għandu. Illi għaldaqstant jirriżulta li s-sentenzi ndikati jagħmlu stat fil-konfront tal-imputat. Illi madanakollu jingħad li s-sentenza li ngħatat fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni għal fini tal-addebitu tar-reċediva u dan għaliex l-imputat qiegħed jiġi misjub ħati li kkommetta r-reat mertu tal-proċeduri odjerni fi żmien qabel ma ngħatat dik is-sentenza.

Illi fir-rigward tas-sentenza ta' nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) li permezz tagħha l-imputat odjern ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation, jingħad illi Ordni ta' Probation ma tistax titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-fini ta' reċediva. Illi f'dan ir-rigward referenza ssir għall-Artikolu 25(1) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li:-

> *25.(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut,dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra –*
>
> *(a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u*
>
> *(b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jewkull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuqdak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi*

[4646] A fol. 105 u 106 tal-atti proċesswali
[47] A fol. 108 tal-atti proċesswali

*talidikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat:*

Illi permezz tal-istess sentenza l-imputat ġie ukoll kkundannat iħallas piena pekunjarja. Illi madanakollu ma nġabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li turi jekk il-multa ġietx imħallsa.

L-istess jingħad fir-rigward tas-sentenza tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019)[48], li permezz tagħha l-imputat odjern ġie kkundannat għal ħames snin prġunerija u multa komplessiva ta' ħdax-il elf ewro. (€11,000). Din is-sentenza evidentement ma kinetx għada skontata meta l-imputat ikkometta r-reat mertu tal-każ odjern.

Illi għaldaqstant, għalkemm l-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 49 jinsab pruvat, l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena:**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tqis ukoll li r-reat seħħ fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti qegħda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 33A** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-imputat kien priġunier fiż-żmien tal-każ odjern. Dan ifisser illi l-piena applikabbli għandha tiżdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(b)(ii), u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2, 3 u 9 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tas-sena 1985 hekk kif sussegwentement emendat, u l-Artikoli 31, 33A, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda issib lill-imputat **Liam Debono ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu** (u dan b'referenza

[48] A fol. 60 tal-atti proċesswali

biss għall-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u mhux għall-ġranet ta' qabel), **kif ukoll tal-addebitu tar-reċediva** (b'dana li dwar l-addebitu tar-reċediva qegħda ssibu ħati biss ai termini tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali) u qegħda tikkundannah għall-piena **ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' sitt mitt ewro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien xahar mill-llum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jigi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Godwin Sammut fis-somma ta' mitejn u tmienja u disgħin ewro u erbtax-il ċenteżmu (€ 298.14), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mill-llum.

Finalment stante illi mill-atti proċesswali jirriżulta li s-sustanza eżebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' proċeduri kriminali oħra kontra terza persuna, il-Qorti mhux qegħda tordna d-distruzzjoni tas-sustanza eżebita.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Deguara